**30 ta' April, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Joseph Atanasio *et*

*versus*

Giuseppi Atanasio

**Azzjoni ta' Jattanza**

*Din l-azzjoni tispetta lill-possessur ta' l-oggett li fuqu ssir il-pretensjoni. Dikjarazzjoni ġudizzjarja bħala difiża ta' talba għall-ħlas ta' kreditu pretiż jew ta' dritt ma tistax tikkostitwixxi bażi għal din l-azzjoni.*

*Il-bażi ta' din l-azzjoni hi l-pussess ta' liema xorta jkun. L-azzjoni hi esssenzjalment waħda possessorja u sommarja intiża għall-aċċertament u reintegrazzjoni tal-pussess.*

Il-Qorti:-

L-atturi f'din il-kawża ta' jattanza pproċedew b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"Illi b'ittra bonarja tal-15 ta' Marzu, 1994, liema ittra qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata dokument A, il-konvenut ivvanta l-pretensjoni illi għandu xi jedd rigwardanti titolu ta' proprjetà fuq għorfa fis-sular ta' fuq u mniffda mal-fond numru 7, li tiġi fuq ir-remissa tal-fond 8, Sqaq 1, Triq San Pawl, Ħal Għaxaq;

Illi dawn il-pretensjonijiet huma nfondati u dan għaliex il-konvenut qed jokkupa l-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi għaliex l-istess fond kien ġie kkonsenjat lill-aventi kawża tiegħu żmien qabel minn missier l-atturi b'titolu ta' mera tolleranza;

Talbu għalhekk li din il-Qorti:

Tagħti żmien lill-konvenut biex iressaq il-pretensjonijiet tiegħu permezz ta' kawża rigwardanti titolu ta' proprjetà fuq għorfa fis-sular ta' fuq u mniffda mal-fond numru 7, li tiġi fuq remissa tal-fond 8, Sqaq 1, Triq San Pawl, Ħal Għaxaq;

Biex fin-nuqqas ta' dan l-istess konvenut jiġi impedut milli

jaġixxi qatt iżjed rigward l-istess pretensjoni u jiġi kkundannat għal perpetwu silenzju";

Il-konvenut hekk eċċepixxa:

"Illi fl-ewwel lok l-atturi għandhom jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom f'din il-kawża u senjatament illi huma proprjetarji ta' l-ambjent in kwistjoni, kif qegħdin jippremettu fl-att taċ-ċitazzjoni;

Illi, mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-eċċipjent u l-awturi tiegħu ilhom jokkupaw il-kamra in kwistjoni ininterrottament u paċifikament għal aktar minn sebgħin sena, kwindi hija applikabbli l-preskrizzjoni, skond l-artikolu 2140 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-awtur ta' l-eċċipjent akkwista l-fond in kwistjoni b'kuntratt tas-17 ta' Jannar, 1924, fl-atti tan-Nutar Calċidon Gatt u l-kamra in kwistjoni kienet ġà tifforma parti mill-post akkwistat;

Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, il-kamra in kwistjoni kienet diġà l-meritu ta' kawża oħra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, waqt liema kawża saru aċċessi u ttieħdet xhieda illi hija relevanti anke għal din il-kawża, partikolarment minħabba l-fatt li ċerti persuni li xehdu f'dik il-kawża llum ġew nieqsa u għalhekk il-proċess ta' dik il-kawża għandu jiġi allegat ma' l-atti ta' din il-kawża";

B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Ottubru, 1995 il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u konsegwentement iddikjarat li l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku meħtieġ li jistitwixxu l-azzjoni odjerna u għalhekk ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra

tagħhom;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Ittrattat l-ewwel eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut u rat il-verbal ta' l-udjenza ta' l-24 ta' Marzu, 1995 li bih il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-eċċezzjoni in diżamina hija fis-sens li l-azzjoni ta' jattanza tispetta lil min ikollu dritt fil-pussess tiegħu u jiġi mmolestat minn terzi f'dan id-dritt bi pretensjoni kuntrarja. It-teżi tal-konvenut hija konfortata min-Noti tal-Professur Caruana kif ukoll mill-ġurisprudenza. Fin-Noti tal-Professur Caruana fuq il-Proċedura Ċivili f'paġna 1455 insibu li huwa jgħallem taħt it-titolu ta' *Action Against Vaunting* illi:

"*By means of this action a person having a right in his possession and being molested by others by contrary claims, demands that a legal term be fixed for the vaunter to bring forward his claim or pretension before the Courts and that in defect of such proceedings being instituted by the vaunter, a perpetual silence be imposed upon him in connection with his pretension*";

*Dan il-prinċipju ġie affermat minn din il-Qorti żmien ilu* (ara Koll. Vol. XXVII - II - 332) billi ddikjarat illi:

"*Il giudizio di iattanza è dato pel caso di millantazione di pretensione da parte altrui riguardo ad una data cosa contro l'attuale possessore della medesima*";

*Jirriżulta li l-konvenut ilu jokkupa l-għorfa msemmija fiċ-ċitazzjoni* snin kbar u l-istess proprjetà kienet ilha ukoll għal bosta snin okkupata mill-attur tiegħu ċertu Francesco Caruana. Jidher ukoll li kemm il-konvenut kif ukoll l-imsemmi awtur tiegħu qatt ma ħallsu kera u okkupaw il-proprjetà bħala possessuri tagħha;

*Jiġi rrilevat ukoll li fl-istess* noti ġà ċċitati f'paġna 1456 jingħad li l-ewwel kondizzjoni għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni ta' *jattanza hija li: "it is necessary that the vaunter should have vaunted some pretensions contrary to the right of the holder"*. Jiġifieri anke jekk il-konvenut huwa sempliċi detentur, l-azzjoni ta' jattanza *tispetta lilu* u mhux *lill*-atturi peress illi huma l-atturi li qed jimmillantaw drittijiet fil-konfront tal-posssessur jew *detentur tal-ħaġa*";

L-appellanti jissottomettu illi l-fatti rilevanti kif jirriżultaw mill-provi huma fil-fehma tagħhom is-segwenti:

Li huma kienu l-werrieta ta' ommhom Paola ġà mart Angelo Atanasio li mill-wirt ta' ommha kellha fond f'Ħal Għaxaq u li parti minnu kienu silfuh lill-awtur tal-konvenut;

Li l-konvenut beda *jivvanta pretensjonijiet* ta' *proprjetà* fuq dan il-fond;

Li dan għamlu ukoll riċentement f'ittra miktuba li *pprovokat il-preżenti ċitazzjoni;*

L-aggravju ta' l-appellanti hu li r-raġunament legali ta' l-Ewwel Qorti kien ibbażat mhux fuq il-liġi imma fuq noti spjegattivi li ċertament ma jinkwadrawx l-ipotesijiet kollha li jinqalgħu. Isostnu li l-bażi tal-liġi hija "il-pretensjoni vantata" u tali pretensjoni tista' tkun ta' diversi sitwazzjonijiet li jinkludu

ukoll dik taht eżami. L-appellanti jissottomettu li l-artikolu 403 tal-Kap. 12 ma jorbot bl-ebda mod id-dritt ta' azzjoni ta' millantazzjoni mal-pussess. Jorbotha biss ma' pretensjoni li hija estiża u mhux limitata għal xi pussess tal-ħaġa. Kif ġiet impustata mill-Ewwel Qorti, il-kawża ta' jattanza saret azzjoni possessorja u mhux tip ta' azzjoni proċedurali ġenerali. Jissottomettu inoltre illi lanqas mhu korrett li jingħad illi din kienet kwistjoni ta' interess o meno. L-interess ġuridiku nħoloq mill-pretensjoni bil-miktub. Min jirċievi tali pretensjoni jinħoloqlu d-dritt li jaġixxi. Jirriżulta mill-atti illi l-azzjoni ġiet ipprovokata fost oħrajn b'ittra uffiċjali fid-9 ta' Marzu, 1994 li l-atturi appellanti bagħtu lill-konvenut appellat li biha interpellawh biex minnufih jiżgombra mill-parti tal-post li jippretendu li tappartjeni lilhom u li huma allegaw li kien qed iżomm abbużivament u mingħajr ebda titolu. Kien in risposta għal din l-ittra uffiċjali illi l-konvenut appellat bagħat ittra uffiċjali oħra ddatata 15 ta' Marzu, 1994 li biha rribatta din il-pretensjoni bħala nfondata fil-fatt u fid-dritt u ntimahom illi hu ma kellu ebda parti mill-post li kienet tappartjeni lilhom. Il-konvenut appellat avżahom illi l-post kollu kien tiegħu b'titolu ta' proprjetà, kif jirriżulta b'mod ċar fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati wara relazzjoni tal-Perit Michelangelo Refalo, u *kien fuq din l-aħħar pretensjoni illi l-atturi appellanti* qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom f'din l-istanza;

Dan l-aggravju hu għal kollox insostenibbli għaliex eżami akkurat tal-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti fuq riportati għandu jwassal għall-konklużjoni illi dawn huma ben bażati mhux biss fuq il-liġi imma ukoll fuq il-ġurisprudenza kif kostantement u maż-żmien ġiet stabbilita. Din il-Qorti tinnota biss is-segwenti riljevi in sostenn ta' dan:

Hu stabbilit illi l-azzjoni ta' millantazzjoni tispetta lill-possessur ta' l-oġġett li fuqu ssir il-pretensjoni u li dikjarazzjoni ġudizzjarja bħala difiża ta' talba għall-ħlas ta' kreditu pretiż jew

ta' dritt ma tistax tikkostitwixxi bażi għal din l-azzjoni;

"*Per farsi luogo all'esercizio della azione di iattanza è necessario provare il possesso delle cose sopra cui fossero millantate delle pretensioni*" (**Imbroll *vs* Ellul**, deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1858 - Vol. I, pt. I, p. 171);

"*Quando in un controprotesto si deduce un atto di difesa contro pretensioni millantate dalla controparte non sono applicabili i disposizioni dell'articolo 425 et seq del Codice di Procedura Civile*" (**Spiteri Agius Bonnìci *vs* Formosa**, deċiża minn din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 1864, Vol. XVI, pt. II, p. 398);

Kuntrarjament għal dak sottomess mill-appellanti hu l-pussess ta' liema xorta jkun li hu l-bażi ta' din l-azzjoni li hi essenzjalment waħda possessorja u sommarja intiża għall-aċċertament u reintegrazzjoni tal-pussess. Lanqas mhu meħtieġ li l-pussess ikun wieħed leġittimu. Li hu meħtieġ hu li l-pussess bħala fatt ikun ippruvat;

"*Per essere sostenuta l'azione di iattanza è necessario che l'attore provi di essere nel possesso delle cose o del diretto su cui tentano le millantazioni e di avere interesse a liberarsene. Nel giudizio sommario di iattanza però l'attore non deve provare un giusto titolo di possesso sulla cosa controversa, è sufficiente la prova egli de facto la possega*" (**Spiteri Agius *vs* Formosa**, Vol. VIII, p. 169);

"*Non a tutti è accordato il diritto di promuovere il giudizio di iattanza ma soltanto a coloro che nella millantazione di un terzo fossero molestati nelle cose o nel diritto da loro posseduti giacchè essendo la detta azione originata dalla Legge Diffamario del Codice Romano nel titolo DeIngenius et*

*Manumissis a favore di cui fosse turbato nel possesso del suo stato personale di libero et ingenuo contro coloro che spargevono voci inguriose diffamanti sul suo stato d'ingenuità, era stata dalla gurisprudenza estesa ed applicata anche a favore di coloro contro i quali non si vantasse di aver qualche diritto di qualuncue sorte esperibile in giudizio. Onde i pretori avevano stabbilito la regola che per l'esercizio del giudizio di iattanza non bastasse di dimostrare l'interesse che è la base di qualunque azione giudiziale ma anche il possesso delle cose o del diritto su cui versassero le millantazioni*" (**Galea** *vs* **Cutajar**, Vol. VII, p. 19);

Għalhekk lanqas mhu permess illi d-dritt li tiġi eżerċitata l-azzjoni ta' millantazzjoni jiġi estiż biex ikopri ukoll lil min jista' jkollu interess fl-azzjoni imma ma jkunx l-attwali possessur ta' l-oġġett jew dritt li jkun qed jiġi vantat mill-konvenut;

"*Non si deve estendere il diritto di promuovere l'azione di iattanza oltre i limiti prescritti dell'antica giurisprudenza ed accordarlo a chiunque avesse un interesso sebbene non possessore ...*" (**Cilia La Corte** *vs* **Caruana**, deċiża mill-Prim'Awla fl-24 ta' Marzu, 1844);

Dan l-insenjament li jirrispekkja kważi punt f'punt l-aggravju ta' l-appellanti hu awtorevolment spjegat fit-trattat *Giurisprudenza del Codice di Procedura Civile* ta' Cremona (Vol. I, p. 875 *et seq*). Insenjament li hu a sua volta bbażat fuq l-Annotazzjoni fuq id-Dritt Muniċipali (Vol. I, p. 260) ta' Sir Antonio Micallef. Insenjament li baqa' segwit mill-ġurisprudenza aktar riċenti. Hekk per eżempju ssir referenza għal din is-sentenza fost oħrajn;

"Huwa rekwiżit tal-millantazzjoni illi l-persuna li kontra

tagħha ssir il-millantazzjoni tkun fil-pussess ta' dak li fuqu ssir il-millantazzjoni" (Vol. XXIX, pt. *II, p. 678*);

L-appell hu għalhekk ġuridikament insostenibbli;

Għal dawn il-motivi s-sentenza appellata hi kkonfermata u l-appell miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.